MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## LAWRENCE QUINTANO

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2014

Appell Kriminali Numru. 59/2013

**Il-Pulizija**

**Kontra**

**Anthony Joseph Portelli.**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Anthony Joseph Portelli iben Anthony u Josephine nee Calleja, mwieled nhar il-11 ta' Diċembru 1973, f'Ħ'Attard u joqħgod Lilina Fl 11, Triq Ġulju, San Pawl il-Baħar u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 82674(M)

Akkużat talli fid-19 ta' Settembru 2010 għall-ħabta tas-siegħa u nofs ta' filgħodu (01.30 a.m.) fi Triq San Ġorġ, San Ġiljan u / jew fil-viċinanzi

Uza kliem jew imgieba ta' theddid, abbuzivi jew insolenti, jew esebixxa xi materjal miktub jew stampat li jkun ta' theddid, abbuziv jew insolenti, jew xort'ohra gab ruhu b'dak il-mod, bil-hsieb li b'hekk iqajjem mibeghda razzjali jew b' hekk holoq il-probabilita' li, meta wiehed iqis ic-cirkostanzi kollha, titqajjem mibeghda razzjali, dan fil-konfront ta' Abdelkader Ben Abderrazek.

Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bi kliem, b' gesti, b'kitba, stampata jew le, bi stampi jew b'xi mezz iehor vizibbli, kasbar pubblikament religjon li mhux dik Kattolika Apostolika Rumana, inkella offenda l-istess religjon billi kasbar lil dawk li huma ta' din l-istess religjon u cioe' lil Abdelkader Ben Abderrazek jew lil ministri taghha, jew kull haga li tkun oggett jew devozzjoni tar-religjon jew li tkun ikkonsagrata jew iddestinata biss ghad-devozzjoni ta' din ir-religjon.

Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghamel griehi ta' natura hfief fuq il-persuna ta' Abdelkader Ben Abderrazek.

Irrenda ruhu recediv b'sentenza tal-Qorti moghtija mill-Qorti tal-Appell liema sentenza hija defenittiva u ma tistax tinbidel.

Rat a fol 105 sa 113 tal-proċess is-sentenza mogħtija fil-31 ta' Jannar 2013 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali li biha l-Qorti lliberat lill-appellant mill-ewwel, mit-tieni, mir-raba' u mill-ħames imputazzjoni waqt li sabitu ħati tat-tielet u tas-sitt imputazzjoni miġjuba kontrih u kkundanntu jħalals multa ta' tliet mitt Ewro.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant ippreżentat fit-12 ta' Frar 2013 li bih huwa qal li l-aggravju prinċipali tiegħu hu li s-sejbien ta' ħtija tal-appellant ma hux wieħed safe and satisfactory għaliex il-Qorti qatt ma setgħet tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha.

Kien biss Abderrazek li qal li qala' daqqa ta' ponn minn għand l-appellant. Il-Pulizija qatt ma xliet lill-appellant li huwa kien stieden lil Abderrazek għall-ġlied. Fi proċeduri separati Abderrazek kien instab ħati ta' għemilu. L-Ewwel Qorti dan il-fatt ma ħaditux in konsiderazzjoni u dan meta l-Prosekuzzjoni eżentat lid-difiża milli tesibixxi din is-sentenza.

Il-qmis ta’ Abderrazek iċċartet minn Abess li kien sieħeb tal-allegat vittma. Din il-qmis qatt ma kienet esibita. U jekk Abderrazek kien attakkat minn diversi persuni, wieħed jistenna li ma jsofrix il-ġrieħi smemmijin fiċ-ċertifikat.

Meta mar jirraporta x’ġara Abderrazek esaġera biex ikabbar il-problemi għall-appellant.

L-Ewwel Qorti ma tat piż xejn li Abderrazek ħebb għall-appellant.

L-appellant iqajjem aggravju dwar punt ta’ dritt. Għandu jipprevali ‘in dubio pro reo.’ Il-provi bl-ebda mod ma juru li l-appellant ta xi daqqa lil Abderrazek.

L-appellant jirreferi wkoll għall-kawtela li jitlob l-artikolu 639(3) tal-Kap 9meta x-xhud ewlieni ġie wkoll mixli fuq l-istess akkadut. Skont l-appellant, l-Ewwel Qorti ma wżatx din il-kawtela.

Fl-aħħarnett l-appellant jissottometti li meta kien mogħti struzzjonijiet biex jikkontrolla min kella jidħol fl-istabbiliment l-appellant kellu jużа dik il-forza neċessarja sabiex jiżgura li Abderrazek u Abess ma jidħlux fl-istabbilment ‘Havana.’

L-appellant jissottmetti wkollli, *dato ma non concesso* li l-appellant ta daqqa ta’ ponn, dan kien bħala aġir ta’ forza tal-artikolu 12A tal-Kap 389 u bħala dritt tiegħu ta’ legittima difesa.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Ikkonsidrat

L-ewwelnett illum huwa prinċipju assodat fil-ġurisprudenza ta’ Malta li għal dak li huwa apprezzament ta’ fatti, il-Qorti tal-Appell Kriminali ma taqbadx u tirrinpjazza d-diskrezzjoni użata mill-Qorti tal-Maġistrati b’mod ħafif. U dan l-appell huwa prattikament dwar l-apprezzament tal-fatti imqar jekk l-appellant jissottmetti li qed jagħmel ‘punti ta’ dritt.’

Peress li l-ewwel Qorti lliberat lill-appellant mill-ewwel, mit-tieni, mir-raba' u mill-ħames imputazzjoni, allura li baqa' biex ikunu eżaminati huma it-tielet u s-sitt imputazzjoni.

Din il-Qorti eżaminat ix-xhieda li dehru quddiem il-Qorti tal-Maġistrati.

L-Ispettur Revor Micallef irrefera għar-rapport li kien għamel Abdel Bader Ben dwar li l-appellant ma kienx ħallieh jidħol fil-Havana u beda jinsulentah. Meta l-allegat vittma reġa' għadda minn quddiem il-ħanut, kien hemm xi gwardjani oħra li kienu ħebbew għalih.

Fil-kontro-eżami huwa kkonferma li kienu ttieħdu passi kontra l-allegat vittma.

Meta reġa' xehed kien qal li mart il-kwerelant kienet infurmatu li dan kien mar lura lejn il-Libja. Dwar l-istabbiliment Havana, ix-xhud qal li dan kien ilollu ħafna nies ta' karnaġġjon differenti.

L-appellant ma kien wieġeb l-ebda mistoqsija waqt l-istqarrija.

A fol 9 jidhru l-lista ta' 'offiżi' li sofra l-vittma li kienu deskritti bħala ħfief fosthom haematoma, back tenderness, tenderness fuq in-nasal bridge, uġigħ fis-sieq ix-xellugija u abrasion dorso lateral aspect.

PS1 Joseph Busuttil xehed li kien mar fuqu Abdel Kadel bin Abdel Raseq u rraporta li kien qala' daqqa ta' ponn minn għand bouncer. Kien jidher li kellu nefħa fuq il-parti tal-għajn viċin għajnejh. L-allegat vittma indika lill-appellant bħala l-aggressur. Meta ħareġ l-ID card l-appellant qabad u tah daqqa ta' ponn. Reġa' qabad battibekk bejn il-vittma u l-appellant u imbaħgad iċċalinġjaw lil xulxin għall-ġlied bl-appellant jindika l-parking area ħdejn l-Axis Discotheque bħala l-post ideali għall-ġlied. Hawn ix-xhud ħa d-dettalji tat-tnejn. Il-kwerelant imbagħad kien ħa ċertifikat l-għassa. L-appellant mar l-għassa diversi drabi biex iżid mar-rapport u wkoll kien jistqasi għaliex kienu qed jagħfsuh. Hawn ix-xhud qal lill-appellant li kien qed imur l-għassa għal xejn. Ix-xhud ma rax lill-vittma jagħti xi daqqa ta' ponn lill-appellant u kien f'dan il-mument li l-appellant indika l-post għall-ġlied.

Xehed ukoll Abdelkader Ben Abderrazek li qal li kien hemm bouncer li ma ħalliex lilu u lil sieħbu jidħlu fil-Havana Bar. Huwa dejjem kien jidħol hemmhekk. L-appellant imbuttah u qalli kliem iebes ieħorli kien riprodott fis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati. Wara bdew jagħtuh bis-sieq bouncers oħra (fol 41) u huwa telaq jiġri. Sab surġent u qallu x'kien ġara. Wara mar il-poliklinika kif kienu qalulu jagħmel. Huwa kellu daqqiet f'dahru u f'saqajh.

Fil-kontro-eżami huwa qal li kien saq mill-Furjana sal-Hamrun imma mbagħad ma setax isuq. Huwa baqa' jinsisti li dak li kien qal fis-seduta kien dak li kien xehed quddiem Maġistrat ieħor.

Xehed Adnen Abis bin Abis li kkonferma li hu l-allegat vittma kienu ppruvaw jidħlu l-Havana u ma tħallewx jidħlu (fol 50). Huwa ma kienx jaf kif Abdel spiċċa bil-qmis imqatta'.

Fil-kontro-eżami x-xhud qal li fil-Havana Bar kien hemm l-appellant u tnejn oħra (fol 53). L-allegat vittma kein staqsa lill-appellant il-għala kien qed juża ċertu kliem fil-konfront tiegħu.

WPC 174 Joan Bonello ikkonfermat li kienet ħejjiet l-ewwel biċċa tar-rapport u li kienu ċemplulha mill-Hamrun li l-complainant kien ser imur jagħmel rapport.

Kienet ppreżentata s-sentenza tal-20 ta' Settembru 2007 fejn l-appellant kien ikkundannat ħames xhur priġunerija.

A fol 74 xehed l-appellant li qal li x-xogħol tiegħu kien li jqassam xi biljetti għall-promotions. Huwa spjega li min ikollu l-membership card ikollu ċerti privileġġi. Xogħlu kien li li min jurih il-membership card jagħtih free drink jew free cocktail. Huwa talab il-membership card lil żewġ persuni u bdew jargumentaw (fol 75). Il-manager, Joseph Nivas, qallu li dak li kien biss postu hemm għax fis-sakra. Sieħbu kien għamillu sinjal biex ma jagħtix kasu għax kien fis-sakra. Ftit wara reġa' deher l-istess persuna b'ċintorin f'idejh u jagħti mal-art u jipponta lejn ix-xhud. Imbagħad telaq lejn il-bajja ta' San Ġorġ. Huwa nnega li kien hedded lil Abdel KaderNen Abdel Resaq jew li żeblaħ xi reliġjon. Barra minn hekk fil-Havana jkun hemm minn kollox. L-uniku kuntatt kien wieħed verbali.

Fil-kontro-eżami huwa nnega li kien bħala security.

Xehed ukoll Joseph Revas li jaħdem ta' manager fil-Havana. Huwa ftakar li l-appellant kien qed iqassam il-biljetti. Huwa kien resaq ħa jara x'ġara meta ra li kien hemm wieħed li kien qed ikun aggressiv. Huwa kien għajjat lis-security men iżda l-aggressur, li kien jidher fis-sakra, kien telaq. F'ħin minnhom l-allegat vittma beda jipprova jieħu t-tokens minn idejn l-appellant.

Xhud ieħor tad-difiża kien Joe Galea, manager tal-Havana. Dan xehed li l-appellant kien jaħdem magħhom bħala promoter. Żied jgħid li fil-Havana bar kulħadd huwa 'welcome'. Huwa kien preżenti

meta l-allegat vittma ġie lura fil-kumpanija tal-Pulizija u beda jisfida lill-appellant. F'ħin minnhom anke imbuttah u waqgħu quddiem il-Pulizija.

Il-Qorti qed tislet dan li ġej mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali:

'Illi minkejja l-korroborazzjoni da parti ta' dawn l-ahhar zewg xhieda, anke l-imputat ma jistax jitqies bhala xhud kredibbli ħafna. Huwa jinsisti li l-unika inċident, hekk tista' ssejjaħlu hekk, kien dak li nqala' meta Aberrazek u sieħbu ppruvaw jidħlu l-Havana; jinnega kwalunkwe inċident iehor li seta' sehh wara. Dan pero' jikkontrasta mhux biss ma' dak li qal Abderrazek imma anke ma' dak li qal s-surgent u li gara fil-preżenza tiegħu stess.

Illi l-prosekuzzjoni ppreżentat ukoll iċ-ċertifikat mediku, li Abderrazek għadda lill-pulizija, dwar il-ġrieħi li sofra. '

omissis

u

'Illi permezz tat-tielet imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat li kkawza griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Abderrazek. Illi kif diga' ntqal hemm aspetti tad-depozizzjoni ta' Abderrazek li jitfgħu dell fuq il-kredibilita' tiegħu pero' l-Qorti ma tarax li għandha tiddubitah meta jgħid li huwa qala' daqqa ta' ponn għaliex f'din l-asserzjoni huwa korroborat mhux biss minn dak li qal PS1 Joseph Busuttil imma anke minn dak li gie riskontrat mit-tabiba li ezaminat lil Abderrazek. Illi l-Qorti lanqas m'għandha dubju li kien l-imputat li tah din id-daqqa ta' ponn. Dan mhux

biss a bazi ta' dak li qal Abderrazek imma anke in vista tal-fatt li anke fil-prezenza tas-surgent l-imputat stieden lil Abderrazek għall-ġlied.

Illi ghalhekk fil-fehma tal-Qorti din l-imputazzjoni giet ippruvata.'

Dwar l-aggravju taħt il-1a.

Il-Qorti tal-Maġistrati għażlet li temmen lil Abderrazek li qalea' daqqa ta' ponn minn għand l-appellant. Dan setgħet tagħmlu skont l-artikolu 638(2) tal-Kap 9. Iżda l-Qorti tal-Maġistrati straħet ukoll fuq dak li qal PS1 Joseph Busuttil kif ukoll fuq iċ-ċertifikat tat-tabiba a fol 9. Dan iċ-ċertifikat jiddeskrivi l-effett ta' din id-daqqa.

Bħala prova li saret id-daqqa m'hemmx għalfejn provi oħra kif qed jissottometti l-appellant.

Lanqas m'hi korretta s-sottomissjoni li għax l-appellant ma kellu ebda imputazzjoni kontrih ta' stedina għall-ġlied, allura ma kienx emmnut dan il-fatt. Il-Prosekuzzjoni ma tatx dik l-imputazzjoni iżda b'daqshekk ma jfissirx li saret l-istedina għall-ġlied.

Lanqas ma jfisser li, għax skont l-appellant, Abderrazek nstab ħati li ħebb għall-appellant, allura ma kienx hemm każ kontra l-appellant. Jista' jkun hemm sitwazzjonijiet fejn jistgħu jinħarġu imputazzjonijiet kontra aktar minn persuna waħda.

L-appellant jissottometti wkoll li l-Qorti ma tatx piż lill-każ ta' Abderrazek.

L-ewwelnett bir-rispett kollu l-Qorti għarblet il-proċess kollu u ma sabet ebda verbal li fih il-Prosekuzzjoni eżentat lid-difiża milli ttella' s-sentenza fil-konfront ta' Abderrazek. Il-verbali huma dawn: 21 ta' Marzu 2011 (17); 23 ta' Mejju 2011(26); 27 ta' Ġunju 2011 (35); 4 t'Ottubru 2011 (38); 14 ta' Novembru 2011 (61); 23 ta' Jannar 2012 (62); 5 ta' Marzu 2012 (68); 7 ta' Mejju 2012 (69) – Hawn fejn intqal li kien hemm bżonn jitla' r-Reġistratur tal-Qorti; 18 ta' Ġunju 2012 (84); 17 ta' Settembru 2012 (fol 85)- nota beix jidher ir-reġistratur; 15 t'Ottubru 2012(97); 19 ta' Novembru 2012 (100). Minn dawn kollha jirriżulta biss li kien hemm talba biex jidher ir-reġistratur iżda ma kien hemm ebda verbal fis-sens indikat fir-rikors tal-appell.

It-tieni, il-Qorti tal-Maġistrati semgħet u rat dak li kellha tisma' u tara f'dawn il-proċeduri. Semgħet saħansitra lill-allegat vittma bil-kontro-eżami tiegħu (ara l-kontro-eżami fil-folji 42 sa 47) kif ukoll il-verżjoni ġuramentata tal-istess appellant. Għalhekk kellha biżżejjed biex tasal għall-ġudizzju tagħha fuq dak li hemm fl-atti.

Għalhekk il-Qorti qed tiċħad l-aggravju mmarkat 1(a).

**L-aggravju 1 (b)**

F'dan l-aggravju l-appellant qed jattakka l-kredibilita' tax-xhud Abess. B'mod speċjali jagħmel enfasi fuq il-qmis imqattgħa ta' Abderrazek u jissottometti li seta' kien Abbess li ġibed lil Abderrazek mill-qmis għax dan tal-aħħar kien fis-sakra.

Bir-rispett kollu, il-Qorti tal-Maġistrati ma straħitx fuq l-allegazzjoni dwar il-qmis imqatta' ta' Abderrazek jew fuq dak li xehed Abess. Minn imkien ma jirriżulta li dan id-dettall b'xi mod ittieħed in konsiderazzjoni mill-Qorti tal-Maġistrati.

L-appellant jissottometti wkoll li dikjarazzjoni tal-'pseudo vittma' mhix waħda univoka.

M'hemmx għalfejn jingħad li din il-prova hija waħda diretta – ta' dak li ra u ħass l-allegat vittma u mhux prova ċirkostanzjali. Iżda barra minn dan, eżami akkurat ta' x'qalet il-Qorti tal-Maġistrati għandu juri li l-Qorti ma qisitx biss id-dikjarazzjoni li għamel l-allegat vittma.

Din il-Qorit wkoll tinsab soddisfatta li l-Qorti tal-Maġistrati ħadet il-kawtela kollha hija u tgħarbel il-fatti. Dan jirriżulta mill-analiżi tax-xhieda kif esposta fis-sentenza u mir-raġunament ċar tal-Qorti dwar it-tielet imputazzjoni.

**L-aggravju 1(ċ).**

L-appellant jerġa' jissottometti li Abderrazek instab ħati għal dak li għamel fil-jum in kwistjoni.

Dwar dan il-Qorti diġa' għamlitha ċara li wieħed ma jistax jaqbad u jikkonkludi li allura ma setgħux jittieħdu proċeduri kontra l-appellant jew li dan ma setax jinstab ħati ta' xi għamil li jkun wettaq l-appellant stess irrispettivament ta' x'kien l-eżitu fil-proċeduri kontra Abderrazek. (Din is-sottomissjoni hija ripetuta fir-rikors u l-Qorti qed tirreferi għall-kontenut ta' dan il-paragrafu bħala konsiderazzjoni li tgħodd għal kull fejn tidher din is-sottomissjoni).

L-appellant jissottometti wkoll li Abderrazek esaġera meta għamel ir-rapport tant li imbagħad il-Qorti ma sabitx lill-appellant ħati ta' ħafna mill-imputazzjonijiet.

Iżda hawnhekk mhux kwistjoni ta' jekk esaġerax jew le Abderrazek meta għamel ir-rapport. Dan seta' kkonċentra fuq dettalji oħra meta tela' fuq il-pedana tax-xheida għalkemm jirriżulta wkoll li qal li l-appellant kien ukoll tkellem kontra l-pajjiż ta' Abderrazek. Dan ma jfissirx li l-Qorti tal-Maġistrati kellha tiskarta kulma qal Abderrazek.

Dwar il-ġrieħi li ġarrab l-allegat vittma, il-Qorti tirreferi għall-elenku ta' ġrieħi li jidhru a fol 9 tal-proċess. Dawn il-ġrieħi juru li kien hemm attakk fuq l-allegat vittma.

L-appellant jissottometti wkoll li xhud li 'jigdeb' huwa rari li jkun emmnut f'parti waħdi.

Barra li dan is-sweeping statement m'huwa sorrett b'xejn, kull xhud jsita' jitwemmen f'kollox, ma jitwemmen f'xejn jew jitwemmen f'parti u ma jitwemminx f'parti oħra. Min jiġġudika jrid iqis x'jemmen u x'ma jemminx u huwa possibbli li min jiġġudika jemmen parti biss u mhux kollox.

Hekk għażlet li tagħmel il-Qorti tal-Maġistrati u din id-deċiżjoni kienet fid-diskrezzjoni tagħha.

Fl-aħħar ta' dan l-aggravju, l-appellant jissottometti li 'Dato ma non concesso li ddefenda ruħu, in pessima ipotesi seta' jinstab ħati biss li huwa eċċeda l-leġittima difesa tiegħu.'

Fil-fehma ta' din il-Qorti mhux biss ebda wieħed mis-subinċiżi tal-artikolu 230 tal-Kap 9 ma japplika għall-każ, iżda wkoll li wieħed ma jistax jinvoka l-leġittima difeża meta mhux biss jistieden lill-parti l-oħra għall-ġlied, talli saħansitra jindika l-post ukoll ta' fejn issir il-ġlieda.

Għalhekk il-Qorti qed tiċħad ukoll dan l-aggravju.

**L-Aggravju dwar punt ta' dritt.**

**2a. In dubio pro reo.**

Dan l-ggravju huwa prattikament ripetizzjoni ta' dak li ntqal qabel. Din il-Qorti hija konvinta li l-Qorti tal-Maġistrati ħaddmet dan il-prinċipju sew. Filfatt, fejn ma kienx hemm provi qalet hekk biċ-ċar u lliberat lill-appellant mill-imputazzjonijiet. Ma jfissirx li għax il-Qorti illiberat lill-appellant minn ċerti imputazzjonijiet, allura kellha tilibera mit-tielet impuazzjoni wkoll. Fuq kollox minn imkien ma jirriżulta li l-Qorti tal-Maġistrati ma ħaddmitx dan il-prinċipju. Għal darb'oħra l-Qorti terġa' tirreferi għas-siltiet mis-sentenza kkwotati aktar 'il fuq.

Il-fatt li x-xhieda tal-allegat vittma tikkuntrasta ma' dik tal-appellant bl-ebda mod ma jwassal li l-appellant ikun liberat. Huwa min juġġudika li jrid jiddeċiedi li jew jiskarta kollox jew jagħżel dik li huwa jidhirlu hija veritjiera.

Għalhekk il-Qorti qed tiċħad l-aggravju mmarkat 2a.

**2b Il-Kawtela**

L-appellant jirreferi għall-artikolu 639(3) tal-Kodiċi Kriminali. Dan jiddisponi hekk:

'Meta l-uniku xhud kontra l-akkużat dwar xi reat fi proċess li jinstema quddiem il-ġurati tkun persuna kompliċi, il-Qorti għandha tagħti direttiva lill-ġurati biex jiżnu x-xhieda li dak ix-xhud jagħtib'kawtela qabel ma jserrħu fuqha u jaslu biex isibu ħati lill-akkużat.'

L-ewwelnett l-appellant u l-allegat vittma mhumiex kompliċi għax żgur ma jeżistix il-common design bejniethom.

Mill-bqija fil-proċess ma hemm ebda prova għall-asserzjoni magħmula mill-appellant li l-Qorti tal-Maġistrati ma użatx il-kawtela li kellha tieħu mhux biss dwar ix-xhieda ta' Abderrazek iżda dwar ix-xhieda kollha.

Għalhekk il-Qorti qed tiċħad l-aggravju immarkat 2b.

**2c Forza u Vjolenza.**

L-artikolu 12A tal-Kap 389 jiddisponi kif ġej:

**12A.** (1) Gwardjan privat f' post ta' divertiment għandu jkollu s-setgħa li jwaqqaf xi persuna milli tidħol f' dak il-post ta' divertiment jekk dik il-persuna tkun magħrufa illi kkawżat storbju fl-imsemmi post jew f' postijiet oħra, inkluż permezz ta' vjolenza jew fastidju lil persuni oħra. Persuna tista' titwaqqaf milli tidħol jekk t i r r i f j u t a i l l i , f u q t a l b a , t i p p r o d u ċ i dokument t a ' identifikazzjoni, jew li manifestament tidher intenzjonata li tikkawża storbju jew jekk persuna tidher vjolenti minħabba li tkun xurbana.

(2) Meta persuna tikkawża storbju ġewwa post ta' divertiment permezz ta' mġiba vjolenti, il-gwardjan privat f' dak il-post ta' divertiment, għandu jieħu l-miżuri kollha neċessarji sabiex minnufih jinforma lill-Pulizija u għandu jkollu s-setgħa illi jżomm lil dik l-persuna sakemm jasal uffiċjal tal-Pulizija.

(3) Meta persuna tiffastidja persuna oħra f' post ta' divertiment,il-gwardjan privat minnufih għandu jinforma lill-Pulizija u għandu jkollu s-setgħa li jakkumpanja lil dik il-persuna ' l barra minn dak il-post jew iżommha sakemm jasal uffiċjal tal-Pulizija.

(4) Fit-twettiq tad-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (1), (2) u (3) il-gwardjan privat fil-post ta' divertiment jista' juża forza minima biss meta l-persuna tikser dawk l-ordnijiet mingħajr trażżin fiżiku.

Dan l-artikolu japplika għal min hu gwardjan privat. L-appellant kien liberat mill-imputazzjoni numru 5. F'dan l-artikolu mkien ma jissemma doorman, u jkunu xi jkunu l-istruzzjonijiet li jagħti l-manager jew is-sid tal-post, il-funzjoni ma tinbidilx u ssir waħda ta' 'gwardjan privat.' Dwar dan il-Qorti tirreferi għall-artikolu 2 fejn hemm id-definizzjoni ta' 'gwardjan privat'.

Dwar il-kliem 'forza jew vjolenza', ħarsa tajba lejn il-kliem tal-artikolu 12A tal-Kap 389 mal-ewwel turik li l-leġislatur juża l-frażi 'forza minima'. Dan jagħmlu għaliex il-leġislatur bl-ebda mod ma jista' jagħti 'carte blanche' lil xi ħadd biex jagħti d-daqqiet kemm ta' ponn kif ukoll ta' xi ħaġa oħra. Kieku il-leġilstur jagħmel dan ikun qed imur kontra r-rule of law.

Għalhekk il-Qorti qed tiċħad ukoll l-aggravju 2c.

Konlużjoni

(1) Ir-reċidiva ma kienx hemm appell fuqha u l-Qorti qed tiddeċiedi li kienet ippruvata.
(2) Għalhekk il-Qorti qed tiċħad l-aggravji kollha tal-appellant u qed tikkonferma s-sentenza mogħtija fl-ismijiet 'Il-Pulizija kontra Anthony Joseph Portelli' tal-31 ta' Jannar 2013 fl-intier tagħha.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------